Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,575, 23 ta' Jannar, 2026
Taqsima B

A.L. 21 tal-2026

ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI U L-LIĊENZJAR TA' VETTURI BIL-MUTUR (KAP. 368)

Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur il-Ministru responsabbli għat-trasport bi qbil mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 368.02.

Jemenda r-regolament 6Ċ tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 6Ċ tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(1) Vetturi bil-mutur M1 b'livelli ta' emissjonijiet CO_2 ekwivalenti għal mitejn (200) jew ogħla skont l-istandard NEDC, jew mitejn u għoxrin (220) jew ogħla skont standard WLTP, u li jkollhom livell ta' emissjonijiet li jkun ekwivalenti għall-istandard Ewropew l-aktar riċenti, jew l-istandard Ewropew l-aktar riċenti nieqes wieħed, jew l-istandard Ewropew l-aktar riċenti nieqes tnejn, u ċikletti bil-mutur b'qawwa tal-magna li tkun ugwali għal tmien mija u wieħed (801cc) jew aktar li jkunu se jiġu reġistrati għall-ewwel darba mal-Awtorità jistgħu jiġu reġistrati għall-użu fit-triq f'Malta unikament u esklussivament nhar ta' Ġimgħa, is-Sibtijiet, il-Ħdud, fil-festi nazzjonali u fi btajjel pubbliċi oħra:";

(b) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Meta s-sid jew l-utent reġistrat ta' vettura bil-mutur li tissodisfa l-kriterji u l-istandards imsemmija fis-

subregolament (1), u li tkun diġà ġiet reġistrata għall-użu mhux ristrett fit-triq f'Malta fil-ġranet kollha tal-ġimgħa, jiddeċiedi li jibdel ir-reġistrazzjoni tal-imsemmija vettura għall-użu fit-triq unikament u esklussivament nhar ta' Ġimgħa, is-Sibtijiet, il-Ħdud, fil-festi nazzjonali u fi btajjel pubbliċi oħra, huwa għandu jkun intitolat li jirċievi rifużjoni tad-dritt tal-liċenzja mingħand l-Awtorità.".